# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum l-4 t'Ottubru, 2017.**

**Rikors Numru 457/2013 SM**

1. **Claude Zammit (I.D. 186776M);**
2. **Justin Zammit (I.D. 572578 M); u**
3. **Andrew Zammit (I.D. 91515 M)**

**vs.**

1. **Saviour Micallef (I.D. 333765);**
2. **Herman Sant (I.D. 439971 M);**
3. **Joan Mizzi bhala eredi ta' Alfred Mizzi (I.D. 536357 M);**
4. **Clint Galea (I.D. 377582 ), u**
5. ***Topfresh Trading Limited* (C – 43592)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat id-9 ta’ Mejju, 2013, li permezz tieghu r-rikorrenti sintetikament esponew is-segwenti, (ara foll 1):

1.1. Illi r-rikorrenti sellfu *brevi manu* s-somma ta’ mija u hdax- il elf euro, (€111,000.00), lill-intimati;

1.2. Illi l-partijiet ftehmu li inizjalment ma jhallsux imghaxijiet fir-rigward u minflok, is-socjeta` intimata impjegat lir-rikorrenti Andrew Zammit maghha;

1.3. Illi f’Marzu 2010 il-partijiet ftehmu li jirregolaw il-posizzjoni taghhom;

1.4. Illi ghalhekk ftehmu li l-intimati kellhom:

1.4.1. Jirrikonoxxu s-self lilhom koncess;

1.4.2. Jikkommettu ruhhom li l-interessi jibdew jiddekorru fuq l-imsemmija somma;

1.5. Illi iffirmaw skrittura privata f’dan is-sens fit-12 ta’ Marzu, 2010, (ara foll 4);

1.6. Illi permezz t’ittra ufficjali datata t-12 ta’ Settembru, 2011, ir-rikorrenti talbu lill-intimati biex ihallsu s-somma lilhom mislufa, izda baqghu inadempjenti;

1.7. Illi l-intimati gew imharrkin fil-kwalita` personali taghhom ghaliex dejjem iggarantew b’mod solidali l-hlas lura tas-somma *de quo*;

1.8. Illi *di piu`*, l-istess intimati kienu f’diversi okkazjonijiet hallsu xi imghaxijiet personalment jew b’kumpaniji appartenenti lilhom personalment;

1.9. Illi dawn qeghdin jigu wkoll imharrka fil-kwalita` taghhom ta’ rapprezentanti tas-socjeta` intimata fuq riferita *stante* li l-istess intimati kienu dehru fil-kwalita` premessa;

1.10. Illi r-rata tal-interessi kienet iffissata fl-ammont ta' 9% *stante* li l-ftehim *de quo* kien jammonta ghal operazzjoni kummercjali, u dan, *ai termini* tal-artiklu 26A *et sequitur* tal-Kodici tal-Kummerc, u jinftehmu sa massimu ta' 8% oltre r-rata stabbilita mill-Bank Centrali Ewropew;

1.11. Illi l-uniku pagament imwettaq mill-intimati kien jirrigwarda l-imsemmija imghaxijiet;

1.12. Illi *stante* li l-intimati baqghu inadempjenti kellhom jadixxu din il-qorti biex l-intimati jkollhom l-opportunita` jghidu ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.12.1. Tiddikjara li l-intimati ghandhom ihallsu lir-rikorrenti s-somma ta' €111,000.00;

1.12.2. Tikkundanna lill-istess intimati jhallsu lir-rikorrenti s-somma indikata fil-paragrafu fuq indikata;

1.12.3. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali dovuti sad-data tal-effettiv pagament;

2. Rat id-digriet taghha datat iz-17 ta' Mejju, 2013, li permezz tieghu appuntat l-istess procedura ghall-udjenza hemm indikata;

3.0. Rat ir-risposta guramentata datata l-24 ta' Gunju, 2013, li permezz taghha l-intimat Saviour Micallef sintetikament espona s-segwenti, (ara foll 25):

3.1. Illi preliminarjament ir-rikorrenti Andrew Zammit m'ghandux interess guridiku biex jippromwovi l-azzjoni odjerna *stante* li fl-iskrittura tat-12 ta' Marzu, 2010, deher biex jiddikjara li kien iddekada mid-drittijiet li seta' kellu mis-self in dizamina;

3.2. Illi *stante* li ma tezisti l-ebda relazzjoni guridika bejn l-intimat odjern u r-rikorrenti, ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;

3.3. Illi in effetti s-self *de quo* sar biss lis-socjeta` intimata;

3.4. Illi ma iggarantiex b’mod solidali l-hlas tas-self *de quo*;

3.5. Illi ghalhekk jirrespingi t-talbiet tar-rikorrenti indirizzati fil-konfront tieghu;

3.6. Salv risposti ulterjuri;

4. Illi ghall-ekonomija tal-gudizzju rat id-digriet taghha datat il-15 t’April, 2014, u in vista tal-istess, ghalkemm ir-risposta indikatata fil-paragrafu precedenti kienet tardiva, u ghalhekk in kontumacja, gie dikjarat li kienet ipprezentata fit-terminu hemm indikat, u ghalhekk legittima, (ara foll 74);

5.0. Rat ir-risposta guramentata datata t-28 ta’ Gunju, 2013, li permezz taghha l-intimat Clint Galea sintetikament espona s-segwenti, (ara foll 27):

5.1. Illi qatt ma issellef xejn mir-rikorrenti;

5.2. Illi kienet is-socjeta` intimata li effettwat dan is-self;

5.3. Illi ghalhekk il-fatti kif deskritti mir-rikorrenti huma kkontestati;

5.4. Illi qatt ma irrikonoxxa xi dejn personali versu r-rikorrenti;

5.5. Illi qatt ma ta garanzija lir-rikorrenti ghall-hlas ta’ somma li tista tkun dovuta mis-socjeta` intimata;

5.6. Illi s-sitt (6) paragrafu tar-rikorrenti, (ara foll 1), ma jinftehimx;

5.7. Illi mhux permess lilu li jaghmel operazzjonijiet kummercjali konsistenti f’self ta’ flus;

5.8. Illi jitlob rendikont ta’ kull ma thallas;

5.9. Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati;

5.10. Salv risposti ulterjuri;

6.0. Rat in-nota datata s-27 ta' Jannar, 2014, li permezz taghha r-rikorrenti iddikjaraw sintetikament is-segwenti, (ara foll 61):

6.1. Illi qatt ma qalu li kienu awtorizzati jwettqu self kummercjali;

6.2. Illi qalu biss li l-iskrittura *de quo* kienet wahda kummercjali u ghalhekk kienu applikabbli l-interessi permissibbli taht il-Kap 13 tal-Ligijiet ta' Malta;

6.3. Illi biex juru l-*buona fede* taghhom jiddikjaraw li huma disposti jirrinunzjaw ghal kwalsiasi interessi oltre t-8% *per annum* skont il-Kap 16 tal-Ligijiet fuq riferti;

6.4. Illi qed jaghmlu dan bil-ghan li l-procedura ma titwalx inutilment;

7. Rat id-digriet taghha datat is-26 t'Ottubru, 2016, li permezz tieghu, wara talba appozita tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, awtorizzat lill-istess biex jittrattaw il-kaz bil-modalita` u fit-termini hemm indikati, (ara foll 228);

8. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti datata is-6 ta' Dicembru, 2016, (ara foll 230), flimkien ma dik tal-intimat Clinton Galea datata s-6 ta' Frar, 2017, (ara foll 238), u dik tal-intimat Saviour Micallef datata z-17 ta' Frar, 2017, (ara foll 246), li ghalkemm tardiva, *stante* in-nuqqas t'opposizzjoni ghall-istess, qed tigi accettata;

9. Semghet ix-xhieda prodotta;

10. Ezaminat id-dokumenti esebiti, flimkien mad-dikjarazzjonijiet guramentati pprezentati fl-atti;

11. Semghet it-trattazzjoni orali tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

12. Illi tirrileva preliminarjament li jirrizulta li kienu biss l-intimati Saviour Micallef (ara foll 25 u 74), u Clint Galea, (ara foll 27), li intavolaw nota reponsiva vijabbli, bl-intimati l-ohra, Herman

Sant, Joan Mizzi, u s-socjeta` *Topfresh Trading Limited* jibqghu fi stat ta' kontumacja;

Ikkunsidrat:

13. Illi f'dan l-istadju, fir-rigward jinghad biss li qed issir referenza ghas-sentenza tal-***Prim'Awla tal-Qorti Civili*** fl-ismijiet ***Dr. Aaron Galea Cavallazzi nomine vs. Asfaltar Limited***, datata ***t-23 ta' Lulju, 2014***, li f'dan ir-rigward tghid:

> "Illi, kif gie deciz minn dawn il-qrati ghadd ta' drabi, il-kontumacja m'ghandhiex titqies bhala stqarrija jew ammissjoni min-naha tal-imharrek ghal dak li jkun qieghed jintalab jew jigi allegat kontrih mill-parti attrici: ghall-kuntrarju, il-kontumacja tqieset bhala kontestazzjoni, (ara ***Appell Civili*** fl-ismijiet ***Gerada vs. Attard, Kollez. Vol XLIII. I. 545***), u l-bdil li sar fil-ligi procedurali fl-***artiklu 158 bl-Att XXIV tal-1995*** jidher li jtenni din il-fehma";

14. Illi ghalhekk, il-posizzjoni tal-kontumaci fuq indikati, (ara paragrafu numru tnax, (12.), aktar qabel), li qed tittiehed f'dan is-sens kif enuncjat fil-paragrafu precedenti;

Ikkunsidrat:

15. Illi fir-rigward tal-mertu in dizamina jinghad sintetikament li essenzjalmnet, permezz ta' din il-procedura r-rikorrenti qed jitolbu li l-intimati jhallsulhom s-somma ta' €111,000 lilhom minnhom mislufa *brevi mano*, (ara foll 4);

16. Illi l-iskop tas-self in dizamina kien li l-partijiet jibdew negozju flimkien, (ara foll 76);

17. Illi l-ammont misluf ma giex irkuprat mir-rikorrenti;

18. Illi permezz ta' skrittura privata datata t-12 ta' Marzu, 2010, il-partijiet ftehmu li minflok jithallsu l-imghaxijiet ta' 9% kif hemm pattwit l-intimati kellhom jimpjegaw lir-rikorrenti Andrew Zammit fl-istess socjeta` li kienu ser iwaqqfu, (ara foll 4 u 81);

19. Illi permezz ta' nota datata s-27 ta' Jannar, 2014, ir-rikorrenti rrinuzjaw ghall-interessi kif stabbiliti fl-istess skrittura privata fuq indikata u stabbilew li huma jkunu intitolati biss ghall-interessi ta' 8% skont il-Kondici Civili, (ara fol 61);

20. Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghall-artiklu 1002 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid is-segwenti:

> "Meta l-kliem ta' konvenzjoni, mehud fis-sens li ghandu skont l-uzu fiz-zmien tal-kuntratt, hu car, ma hemmx lok ghal interpretazzjoni";

21. Illi skont is-sentenza tal-***Prim'Awla tal-Qorti Civili*** fl-ismijiet ***Avukat Dottor Joselle Farrugia vs. Dr. Pascal Demajo et nomine*** datata d-***9 ta' Dicembru, 2002***:

> "...l-ewwel haga li trid issir hija li wiehed jezamina l-kliem tal-kuntratt u jara jekk dan huwiex car, anke ghaliex dan kapaci, ghal certi riflessjonijiet ohra li jehtieg isiru, jolqtu l-materja u jincidu fuqha;

Ikkunsidrat:

22. Illi ezami tal-iskrittura privata in dizamina datata t-12 ta' Marzu, 2010, (ara foll 4 u 81), juri li l-kliem hemm uzat hu car u univoku;

23. Illi jirrizulta li l-intimati Alfred Mizzi, Clint Galea, Saviour Micallef u Herman Sant, ilkoll qed jidhru biss ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` intimata *Topfresh Trading Limited*, (ara foll 4 u 81);

24. Illi rizultat ta' din il-kjarezza ta' hsieb rigwardanti r-rapprezentanza in dizamina kif murija mill-partijiet involuti fl-iskrittura *de quo*, ma jirrizulta li hemm bzonn ta l-ebda interpretazzjoni fir-rigward u konsegwentement, m'hemmx bzonn li wiehed jipprova jinterpreta x'setghet kienet l-intenzjoni tal-kontraenti fir-rigward ghaliex kienet espressa b'mod car u li ma jhalli l-ebda spazju ghall-interpretazzjoni differenti;

25. Illi ghalhekk ghandu jirrizulta pacifiku u minghajr spazju ghall-ebda ekwivoku, li l-intimati indikati qabel, (ara paragrafu numru tlieta u ghoxrin (23.)), ma kienux qed jidhru fil-kapacita` personali taghhom izda biss u esklussivament ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` intimata;

26. Illi konsegwentement, ir-rikorrenti ma setghux iharrku lill-istess intimati fil-kapacita` personali taghhom stante li mill-istess skrittura privata in dizamina, (ara foll 4 u 81), jirrizulta bl-aktar mod car li l-istess intimati dehru biss ghan-nom u in rapprezentanza tal-istess socjeta` intimata;

27. Illi jirrizulta ghalhekk car li s-self sar minn Justin u Claude Zammit u s-socjeta` *Topfresh Trading Limited*, (ara foll 4 u 81);

28. Illi jirrizulta wkoll li l-fatt li gie hemm dikjarat:

> "Illi fl-ewwel lok jinghad li l-komparenti kollha huma konxji li din is-somma flus kienet u hija proprjeta` tal-komparenti Justin u Claude ahwa Zammit li huma jirrikonoxxu li dan is-self sar *brevi manu* bejniethom u indahal ghal din it-tranzazzjoni l-imsemmi Andrew Zammit, u kellha isservi sabiex minflok jithallas xi imghax l-istess Andrew Zammit jinghata impjieg mal-istess socjeta, kien hekk dikjarat specifikatament biex jassigura li l-imsemmi Anthony Zammit jinghata l-impjieg hemm indikat u xejn aktar";

29. Illi ghalhekk jigi wkoll sottolineat li l-istess Andrew Zammit effettivament, m'ghandu l-ebda interess guridiku fil-procedura odjerna;

Ikkunsidrat:

30.0. Illi fir-rigward tal-allegazzjoni tar-rikorrenti li l-intimati huma garanti tas-socjeta` intimata jinghad sintetikament is-segwenti:

30.1. Illi din l-affermazzjoni tar-rikorrenti, (ara foll 1), mhix suffragata mill-iskrittura privata tat-12 ta' Marzu, 2010, (ara foll 4 u 81);

30.2. Illi l-artiklu 1929 tal-Kap 16 *de quo* jistipula s-segwenti:

> "Il-garanzija ma tistax tkun prezunta, izda ghandha tkun espressa; u ma tistax tinhareg barra mill-limiti li fihom tkun giet ikkuntrattata"

30.3. Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghax-xhieda tal-intimat Saviour Micallef datata l-4 ta' Frar, 2016, (ara foll 165), fejn qal is-segwenti:

> "...illi l-erbgha li ahna hemm indikati ghamilna tajjeb ghas-self personalment";

30.4. Illi in vista ta' dak suespost fil-paragrafu precedenti ssir referenza ghas-sentenza tal-***Prim'Awla tal-Qorti Civili*** fl-ismijiet ***J.T.C. Pisani Limited vs. Nicholsons The Supermarket Limited et***, datata t-***30 t'Ottubru, 2003***, li ssottolineat is-segwenti:

> "Kif qalet din il-qorti fil-kawza ***Xuereb vs. Cremona*** deciza fis-***7 ta' Marzu, 1957***, (***Vol. XLI. II. 924***, il-kliem '*ahna naghmlu tajjeb ghalih*' ma jindikawx assunzjoni ta' dejn, izda ghoti ta' garanzija, li, pero`, hija nulla ghax ma tirrizultax bil-miktub";

30.5. Illi f'dan ir-rigward wkoll issir referenza ghall-artiklu 1233 tal-Kap 16 tal-ligijiet *de quo* li jistabbilixxi s-segwenti:

> "(1) Bla hsara tal-kazijiet li fihom il-ligi, espressament, taghmel mehtieg l-att pubbliku, ghandhom isiru b'att pubbliku jew b'kitba privata, taht piena ta' nullita` -
>
> "(c) il-garanziji";

30.6. Illi in effetti l-garanzija in dizamina ma tirrizultax li giet redatta mill-partijiet koncernati;

30.7. Illi konsegwentement ma jistghax allura jinghad li l-intimati kienu effettivament dahlu garanti ghad-dejn

tas-socjeta` intimata minnhom rapprezentata fl-iskrittura *de quo*;

Ikkunsidrat:

31. Illi effettivament jirrizulta li l-intimati kienu effettwaw xi pagamenti lir-rikorrenti ghan-nom tas-socjeta` intimata, (ara foll 201 sa 218);

32. Illi l-istess jirrizulta li saru fl-isfond li s-socjeta` intimata kienet fil-process li tinxtara mis-socjeta` *ACM Foods & Beverages Imports Limited*, (ara foll 219);

Ikkunsidrat:

33. Illi *di piu`*, l-istess sar *ai termini* tal-artiklu 1149(1) tal-Kap 16 li jistabbilixxi li:

> "Il-kreditur ma jistax jirrifjuta hlas li toffri lilu terza persuna, jekk il-hlas ikun ta' vantagg ghad-debitur";

34. Illi in vista tal-premess, l-ewwel eccezzjoni tal-intimat Saviour Micallef, (ara foll 25), u tal-intimat Clint Galea, (ara foll 27), ghandhom jigu milqugha;

Ikkunsidrat:

35. Illi *di piu`*, in vista tal-istess jinghad li fir-rigward tal-kontumaci Herman Sant u Joan Mizzi kif fuq stabbilit, (ara paragrafi numri tnax (12.), sa erbatax, (14.) aktar qabel), l-istess kontumaci ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju;

Ikkunsidrat:

36.0. Illi fir-rigward tas-socjeta` intimata *Topfresh Trading Limited* isiru s-segwenti osservazzjonijiet:

36.1. Illi l-istess socjeta` intimata hi fi stat ta' kontumacja;

36.2. Illi jigi ribadit li s-self in dizamina sar mir-rikorrenti Claude u Justin Zammit favur is-socjeta` intimata *Topfresh Trading Limited ai termini* tal-iskrittura *privata* datata t-12 ta' Marzu, 2010, (ara foll 4 u 81);

36.3. Illi b'hekk is-self ta' €111,000.00 *brevi manu* in dizamina flimkien mal-imghax dovut jirrizulta debitament validu u dovut lill-imsemmija rikorrenti mis-socjeta` intimata;

36.4. Illi r-rata tal-imghax giet riveduta ghal 8% permezz ta' nota datata s-27 ta' Jannar, 2014, (ara foll 61);

36.5. Illi fil-mori tal-kontestazzjoni bejn Gunju 2010 u Ottubru 2011 jirrizulta li saru sbatax- il pagament ta' €990.00 fix-xahar, ekwivalenti ghal €16,830.00;

36.6. Illi konsegwentement l-istess socjeta` intimata ghad ghandha tirrifondi l-ammont ta' €93,170.00 liz-zewg rikorrenti fuq indikati;

Ikkunsidrat:

37.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti Claude u Justin Zammit ippruvaw il-kaz taghhom fil-konfront tas-socjeta` intimata *Topfresh Trading Limited* kif fuq elaborat, u konsegwentement:

**DECIDE:**

37.1. Takkolji wkoll l-ewwel eccezzjoni rispettivament sottomessa mill-intimati Saviour Micallef u Clint Galea;

37.2. Tiddikjara ghalhekk li r-rikorrenti Andrew Zammit m'ghandu l-ebda interess guridiku li jippromwovi l-procedura odjerna;

37.3. Tillibera lill-intimati Saviour Micallef, Herman Sant, Joan Mizzi u Clint Galea mill-osservanza tal-gudizzju;

37.4. Tiddikjara li s-socjeta` intimata *Topfresh Trading Limited* ghad ghandha taghti l-ammont ta' tlieta u disghin elf mija u sebghin euro, (€93,170.00), lir-rikorrenti Claude u Justin Zammit;

37.5. Tikkundanna lill-istess socjeta` intimata thallas l-ammont indikat fil-paragrafu precedenti lill-istess rikorrenti hemm ukoll indikati;

37.6. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet ta' tmienja fil-mija mid-data tal-presentata tal-procedura odjerna, (d-9 ta' Mejju, 2013), sad-datat tal-effettiv pagament.

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**